KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA

Brussel, 18 ta' Ottubru 2006 (24.10)
(OR. fr)

14096/06

PUBLIC 45

**NOTA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | SOMMARJU TA' KULL XAHAR TA' ATTI TAL-KUNSILL LULJU/AWISSU 2006 |

Dan id-dokument fih:

- fl-**Anness 1**, sommarju ta' atti leġislattivi definittivi adottati mill-Kunsill f'Lulju 2006. Dan hu akkumpanjat b'dikjarazzjonijiet fil-minuti li jistgħu jinħarġu lill-pubbliku (**Anness II**). Is-sommarju jsemmi wkoll kwalunkwe vot kontra u astensjonijiet, spjegazzjonijiet tal-vot, u r-regoli tal-votazzjoni applikabbli;

- fl-**Anness III**, lista ta' l-atti l-oħrajn [1] adottati mill-Kunsill f'Lulju/Awissu 2006, b'referenza, fejn xieraq, għar-riżultati tal-vot, spjegazzjonijiet tal-vot u għad-dikjarazzjonijiet li l-Kunsill iddeċieda li jagħmel pubbliċi.

Dan id-dokument huwa wkoll disponibbli permezz ta' l-Internet (http://consilium.europa.eu); ara taħt "Dokumenti", imbagħad "Sommarju ta' Atti tal-Kunsill". Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill (http://register.consilium.europa.eu).

Għandu jiġi nnotat li huma biss il-minuti dwar l-adozzjoni definittiva ta' atti leġislattivi li huma awtentiċi. Estratti mill-minuti in kwistjoni jistgħu jinkisbu wkoll mid-Dipartiment tat-Trasparenza (transparency@consilium.europa.eu).

---

[1] Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet proċedurali, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti bi ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet bagitarji speċifiċi, eċċ.

| LULJU 2006 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **TITOLI TA' ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI** | **TESTI ADOTTATI** | **DIKJARAZZJONIJIET** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **L-2741 laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) fil-11 ta' Lulju 2006** | | | | |
| **Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2005/231/KE li tawtorizza lill-Isvezja tapplika rata ta' tassazzjoni mnaqqsa għall-elettriku kkunsmat minn ċerti djar u kumpanniji tas-settur tas-servizzi skond l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE** | 10552/06<br>+ COR 1 (en)<br>+ COR 2 (lt)<br>+ COR 3 (sv) | | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur |
| **L-2745 laqgħa tal-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) fit-18 ta' Lulju 2006** | | | | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjieg ta' l-Istati Membri | 10344/06 | | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament tal-Kunsill li jemenda l-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pollutanti organiċi persistenti | 10805/06<br>+ COR 1 (lt) | | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| LULJU 2006 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **TITOLI TA' ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI** | **TESTI ADOTTATI** | **DIKJARAZZJONIJIET** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni Pubblika fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali għall-Istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità | PE-CONS 3614/1/06 REV 1<br>+ REV 1 COR 1 (fi)<br>+ REV 1 COR 2 (fi)<br>+ REV 1 COR 3 (lt)<br>+ REV 2 (lv) | 101/06, 102/06 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur<br>Astensjoni: Belġju |
| Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u akkumulaturi u li tħassar id-Direttiva 91/157/KEE | PE-CONS 3615/4/06 REV 4<br>+ COR 1 (da) | 103/06 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| **L-2746 laqgħa tal-Kunsill (Ġustizzja u** | | | | |

| LULJU 2006 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **TITOLI TA' ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI** | **TESTI ADOTTATI** | **DIKJARAZZJONIJIET** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **Affarijiet Interni) fl-24 ta' Lulju 2006** | | | | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li tiffissa d-data ta' applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2005/211/ĠAI dwar l-introduzzjoni ta' xi funzjonijiet ġodda għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, inkluż fil-ġlieda kontra t-terroriżmu | 11336/06 | | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li tiffissa d-data ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 1(4) u (5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 871/2004 tad-29 ta' April 2004 dwar l-introduzzjoni ta' xi funzjonijiet ġodda għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, inkluża l-glieda kontra t-terroriżmu | 11337/06 | | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2003/170/ĠAI dwar l-użu komuni ta' l-uffiċjali tal-kuntatt ippustjati barra l-pajjiż mill-aġenziji ta' l-infurzar tal-liġi ta' l-Istati Membri | 10571/06 | | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur |

| LULJU 2006 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **TITOLI TA' ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI** | **TESTI ADOTTATI** | **DIKJARAZZJONIJIET** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 77/388/KEE fir-rigward ta' ċerti miżuri li jissimplifikaw il-proċedura għall-impożizzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud u li jassistu fil-ġlieda kontra l-evażjoni jew l-evitar tat-taxxa, u li tħassar ċerti Deċiżjonijiet li jipprovdu derogi | 11025/06<br>+ COR 1<br>+ COR 2 (hu)<br>+ COR 3 (fr)<br>+ COR 4 (sv)<br>+ COR 5<br>+ COR 6 (fi)<br>+ COR 7 (sv)<br>+ REV 2 (de)<br>+ REV 2 COR 1 (de)<br>+ REV 2 COR 2 (de)<br>+ REV 3 (pl)<br>+ REV 3 COR 1 (pl)<br>+ REV 4 (el)<br>+ REV 5 (lv) | 104/06 | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur |

| LULJU 2006 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **TITOLI TA' ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI** | **TESTI ADOTTATI** | **DIKJARAZZJONIJIET** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **L-2747 laqgħa tal-Kunsill dwar il-KOMPETITTIVITÀ (Suq Intern, Industrija u Riċerka) fl-24 ta' Lulju 2006** | | | | |
| Regolament tal-Kunsill li jiddenunzja l-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' l-Angola dwar is-sajd 'il barra minn Angola u li jidderoga mir-Regolament (KE) Nru 2792/1999 | 10902/06<br>+ COR 1 (es) | | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Direttiva tal-Kunsill li timponi obbligu fuq l-Istati Membri biex iżommu ħażniet minimi ta' żejt mhux maħdum u/jew prodotti petroliferi (verżjoni kodifikata) | 6581/06<br>+ COR 2 (mt)<br>+ REV 1 (lt)<br>+ REV 2 (de)<br>+ REV 3 (es) | | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament tal-Kunsill li jikkonċerna l-iskala tal-Komunità għall-klassifikazzjoni ta' karkassi ta' annimali bovini adulti<br>(verżjoni kodifikata) | 8445/06<br>+ COR 1 (pt)<br>+ COR 2 (hu)<br>+ COR 3 (sk)<br>+ COR 4 (hu) | | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament tal-Kunsill li japplika ċerti regoli ta' kompetizzjoni għall-produzzjoni ta', u l-kummerċ | 8446/06<br>+ COR 1 (en) | | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| LULJU 2006 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **TITOLI TA' ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI** | **TESTI ADOTTATI** | **DIKJARAZZJONIJIET** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| fi, prodotti agrikoli (verżjoni kodifikata) | + COR 4 (pt)<br>+ COR 5 (cs)<br>+ COR 6 (et)<br>+ COR 7 (lv)<br>+ COR 8 (lt)<br>+ COR 9 (hu)<br>+ COR 10 (sk)<br>+ COR 12 (el)<br>+ COR 13 (sv)<br>+ REV 1 (de) | | | |
| Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika ta' ġarr ta' merkanzija fuq passaġġi fuq l-ilma interni u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 80/1119/KEE | PE-CONS 3603/06<br>+ REV 1 (hu)<br>+ REV 2 (lt)<br>+ REV 3 (cs) | | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi linji gwida għal *networks* ta' l-enerġija trans-Ewropej u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 96/391/KE u d-Deċiżjoni Nru 1229/2003/KE | PE-CONS 3612/06<br>+ COR 1 (de)<br>+ REV 1 (lt) | 105/06, 106/06 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 77/91/KEE fir-rigward tal-formazzjoni ta' kumpanniji pubbliċi ta' | PE-CONS 3608/06<br>+ REV 1 (lt) | | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| LULJU 2006 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **TITOLI TA' ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI** | **TESTI ADOTTATI** | **DIKJARAZZJONIJIET** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| responsabbiltà limitata u ż-żamma u t-tibdil tal-kapital tagħhom | | | | |
| **Proċeduri bil-miktub konklużi fis-27 ta' Lulju 2006** | | | | |
| Regolament tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd | 10727/06<br>+ REV 1 (fr)<br>+ COR 1 (nl)<br>+ COR 2 (da)<br>+ COR 3 (sk) | 107/06, 108/06, 109/06, 110/06, 111/06, 112/06, 113/06, 114/06, 115/06, 116/06, 117/06, 118/06, 119/06, 120/06, 121/06, 122/06, 123/06, 124/06, 125/06, 126/06 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief<br>Astensjonijiet: Belġju, Polonja |

**ANNESS II**

**DIKJARAZZJONI 101/06**

**Dikjarazzjoni mill-Belġju**

"Il-Belġju qed jastjeni peress li hu jikkonsidra li, minkejja l-progress definittiv magħmul bl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni Pubblika fit-teħid tad-Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali f'livell Komunitarju, xi dispożizzjonijiet tar-Regolament mhumiex, madankollu, f'konformità miegħu jew biżżejjed biex jiżguraw konformità mal-Konvenzjoni ta' Århus b'mod ġenerali.

Il-Belġju jqis l-ewwelnett li t-Titolu II tar-Regolament ma jittrasponix b'reqqa l-Konvenzjoni ta' Århus fir-rigward tas-serje ta' eċċezzjonijiet. Fil-fatt, ir-Regolament jippostula l-prinċipju ġenerali, fl-Artikolu 3, li għandha tiġi applikata s-sistema fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001, imma jikkwalifika dak il-prinċipju, fl-Artikolu 6, biex jagħmel is-sistema kompatibbli mal-Konvenzjoni ta' Århus.

Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 mhumiex biżżejjed, madankollu, biex jiżguraw konformità sħiħa mal-Konvenzjoni ta' Århus peress li xi wħud mill-eċċezzjonijiet fir-Regolament (EK) Nru 1049/2001 għandhom japplikaw għal informazzjoni ambjentali, bħall-poter tal-veto, per eżempju, jew l-eċċezzjoni dderivata mill-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika tal-Komunità. Ir-Regolament għalhekk ma jagħtix każ tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni li jikkonċernaw l-aċċess għall-informazzjoni.

Il-Belġju jiddispjaċih ukoll li d-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tar-Regolament li jikkonċerna l-proċedura għal reviżjoni interna u l-aċċess għal ġustizzja, kif adottati mill-Kunsill fl-emendar tal-proposta inizjali tal-Kummissjoni, huma abbozzati b'mod restrittiv wisq u ma jippermettux aċċess wiesgħa għal membri tal-pubbliku għar-rimedji legali li l-istituzzjonijiet huma, madankollu, obbligati jiggarantixxu skond il-Konvenzjoni ta' Århus."

## DIKJARAZZJONI 102/06

### Dikjarazzjoni mill-Isvezja fir-rigward ta' l-Artikolu 6(2)

"B'relazzjoni għall-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għal Informazzjoni, Parteċipazzjoni Pubblika fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-KE, l-Isvezja tagħmel ir-rimarki li ġejjin.

Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni huwa l-istrument leġislattiv li jirregola d-dritt ta' aċċess pubbliku għad-dokumenti f'dawk it-tliet istituzzjonijiet. L-għan tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 huwa biex jagħti l-aktar effett sħiħ possibli għad-dritt ta' aċċess pubbliku għad-dokumenti u biex jistipula l-prinċipji u l-limiti ġenerali fuq tali aċċess skond l-Artikolu 255 (2) tat-Trattat KE.

Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 ma jimpedixxix aċċess aktar ġeneruż għad-dokumenti fl-atti leġislattivi oħra li jimplimentaw strumenti tal-liġi internazzjonali. Huwa, madankollu, jimpedixxi restrizzjonijiet addizzjonali fuq id-drittijiet ta' l-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti f'tali atti leġislattivi jew oħrajn. Konsegwentement, ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jipprovdi garanzija, dritt minimu għall-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, dritt li jista' jiġi limitat b'konformità biss ma' l-eċċezzjonijiet definiti f'dan ir-Regolament. Kwalunkwe eċċezzjonijiet addizzjonali,
previsti fi strumenti oħra tal-liġi Komunitarja, għalhekk mhumiex kompattabbli mar-Regolament (KE) Nru 1049/2001. L-appoġġ ta' l-Isvezja għar-Regolament dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus ma jaffetwa bl-ebda mod l-opinjoni ta' l-Isvezja dwar ir-Regolament (KE) Nru 1049/2000 f'dan ir-rigward.

Barra minn hekk, u waqt li żżomm f'moħħha dan ta' hawn fuq, l-Isvezja hija u ser tibqa' impenjata li tiddiskuti l-introduzzjoni fir-Regolament Nru 1049/2001 ta' dispożizzjoni li tikkorrispondi għal dak fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus."

**DIKJARAZZJONI 103/06**

**Dikjarazzjoni mill-Isvezja**

"Fl-Istrateġija Komunitarja li tikkonċerna l-Merkurju, wieħed mill-objettivi huwa li jitnaqqas id-dħul fiċ-ċirkolazzjoni tal-merkurju fis-soċjetà billi jitnaqqsu l-forniment u t-talba. Fid-Direttiva dwar il-batteriji u l-akkumulaturi, ma tteħidx kompletament kont ta' dan l-objettiv.

L-Artikolu 12, li jobbliga lill-Istati Membri li jiddisponu mill-merkurju mill-batteriji bħala parti minn strateġija nazzjonali ta' tneħħija gradwali biex jagħmlu valutazzjoni dettaljata, li turi li l-għażla ta' eliminazzjoni hija ppreferuta mir-riċiklaġġ, mhuwiex sodisfaċenti. L-Isvezja hija ta' l-opinjoni li dawn id-dispożizzjonijiet imorru kontra l-objettivi fl-Istrateġija Komunitarja li tikkonċerna l-Merkurju. Barra minn hekk, l-obbligu ta' valutazzjoni dettaljata jista' jwassal għal burokrazija żejda għall-Istati Membri u għall-Kummissjoni."

**DIKJARAZZJONI 104/06**

**Dikjarazzjoni mil-Latvja**

"Il-Latvja kellha riżerva lingwistika dwar it-test tad-Direttiva ta' Razzjonalizzazzjoni (dok 11025/06) għaliex hi temmen li:

1) it-terminu "taxxa", użat fit-Titolu, fil-Preambolu (punt 1,2,3,6), u l-Artikolu 1 (parti 1, parti 2, parti 3), għandu jsir fis-singular u għalhekk jaqra bħala "nodoklis" u mhux fil-plural "nodokļi" kif inhu bħalissa fit-test;

2) it-terminu "persuna taxxabbli", użat fil-Preambolu (punt 2) u fl-Artikolu 1 (parti 3, parti 7), għandu jsir fis-singular u għalhekk jaqra bħala "nodokļa maksātājs" u mhux fil-plural "nodokļu maksātājs" kif inhu bħalissa fit-test.

Madankollu, sabiex ma jkunx hemm dewmien fl-adozzjoni tad-Direttiva ta' Razzjonalizzazzjoni, madankollu, il-Latvja kienet disposta tirtira r-riżerva lingwistika tagħha bil-fehim li:

- l-Latvja tista', meta tadotta l-leġislazzjoni nazzjonali neċessarja biex timplimenta d-Direttiva ta' Razzjonalizzazzjoni, tuża t-terminoloġija li hi temmen li hi korretta;

- il-kwistjoni iżjed orizzontali tat-traduzzjoni korretta tal-kelma "taxxa" kemm jekk fis-singular jew fil-plural, skond il-kuntest li fiha tiġi użata, ser tiġi diskussa fil-Kumitat tat-Terminoloġija tal-Kunsill fl-ewwel laqgħa tiegħu fil-Ħarifa ta' l-2006;

- skond ir-riżultat tad-diskussjoni fil-Kumitat tat-Terminoloġija, is-Segretarjat tal-Kunsill ser joħroġ corrigendum għat-test tad-Direttiva ta' Razzjonalizzazzjoni kif ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali."

**DIKJARAZZJONI 105/06**

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**

"Ix-xogħol tal-koordinaturi Ewropej mhuwiex imħallas. Huma għandhom jirċievu somma sħiħa fix-xahar mill-Kummissjoni biex tkopri l-ispejjeż operattivi. Il-Kummissjoni ser tkopri l-ispejjeż tal-missjonijiet. Is-servizzi tal-Kummissjoni ser joffru appoġġ tekniku u amministrattiv lill-koordinaturi Ewropej. Mhijiex l-intenzjoni tal-Kummissjoni li taħtar koordinatur Ewropew uniku li jkopri l-proġetti kollha ta' interess Ewropew; x'aktarx li ser ikun hemm diversi koordinaturi Ewropej kif ikun meħtieġ, kif inhi l-prattika applikata fin-networks tat-trasport trans-Ewropew."

## DIKJARAZZJONI 106/06

### Dikjarazzoni mill-Polonja

Il-Polonja tilqa' l-adozzjoni tal-Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' linji gwida għal Networks ta' Enerġija Trans-Ewropej. Madankollu nixtiequ nagħmlu kummenti dwar din il-kwistjoni.

1. Sabiex l-Anness III tad-Deċiżjoni jsir koerenti ma' l-Anness I, nemmnu li huwa meħtieġ li jiġi inkluż fl-Anness III punt 8 il-proġett li ġej: "Terminal LNG fuq il-Kosta tan-Nofsinhar tal-Baħar Baltiku (PL)".

Il-Polonja diġà esprimiet il-pożizzjoni dwar il-ħtieġa tal-modifika msemmija hawn fuq ta' l-Anness III. Il-Polonja tifhem li wara t-tmiem tal-konsultazzjonijiet tal-Kummissjoni ma' l-Istati Membri ma kienx possibbli li jiġi emendat l-Anness III miftiehem. Fl-opinjoni tal-Polonja, l-Anness III għandu jiġi emendat b'mod li jirrifletti l-prijoritajiet attwali tal-proġett ta' l-Istati Membri u l-ħtieġa li jiġi żviluppat is-suq Ewropew ta' LNG, li hu kkonfermat fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa.

2. Wara li kkunsidrat il-ħtiġijiet attwali ta' enerġija u l-possibbiltajiet ta' provvista, il-Polonja bi ħsiebha tipproponi li tibdel it-test tal-proġett Nru 9.30 fl-Anness III. It-test attwali huwa: "Pajp tal-gass mid-Danimarka sal-Polonja, possibbilment via l-Isvezja", għalhekk nipproponu l-formulazzjoni li ġejja: "Pajp tal-gass iddedikat mill-Baħar tat-Tramuntana sal-Polonja, possibbilment via l-Isvezja jew id-Danimarka".

B'kont meħud ta' l-Artikolu 14 tad-Deċiżjoni, li jipprevedi l-istabbiliment tal-Kumitat, nistennew il-bidliet meħtieġa fl-Anness III mill-aktar fis possibbli.

Nittamaw li matul il-ħidmiet ulterjuri fuq dan id-dokument il-proposta tal-Polonja tiġi aċċettata, b'kont meħud ta' l-importanza kruċjali ta' dan l-investiment għas-sigurtà ta' l-enerġija tal-Polonja kif ukoll ta' l-Unjoni Ewropea kollha."

**DIKJARAZZJONI 107/06**

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-kontenut tal-pjanijiet għall-aġġustament ta' l-isforz tas-sajd (l-Artikolu 22(1))**

"Il-Kummissjoni tikkunsidra li, fil-kuntest tal-pjanijiet ta' rkupru, il-miżuri għall-aġġustament tal-kapaċità tas-sajd tal-flotta għall-possibbiltajiet tas-sajd, b'għajnuna pubblika jew mingħajr, huma mill-aktar importanti. Tali aġġustament għandu jintlaħaq permezz tal-waqfien permanenti ta' attivitajiet tas-sajd ta' bastimenti jew billi bastimenti jitħallew jabbandunaw l-industrija tas-sajd konċernata."

**DIKJARAZZJONI 108/06**

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar miżuri ta' emerġenza (l-Artikolu 24 (1) (ii) u (iii))**

"Il-Kummissjoni tikkonferma li l-miżuri ta' emerġenza ta' l-Istati Membri kif imsemmijin fl-Artikolu 24(1)(ii) u (iii) jistgħu jkopru wkoll l-għeluq taż-żmien reali deċiż mill-Istat Membru għal raġunijiet ta' konċentrazzjonijiet għolja ta' żgħar jew ta' friegħ, sakemm dawn ma jkunux miżuri staġonali jew rikorrenti b'xi mod ieħor. L-Istati Membri għandhom jibbażaw id-deċiżjonijiet tagħhom fuq parir xjentifiku sod."

## DIKJARAZZJONI 109/06

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-verifika tas-saħħa ta' magna abbażi taċ-ċertifikat "NOx" (l-Artikolu 25 (3)) b'segwitu ta' l-adozzjoni tal-FES**

"Meta tiġi vverifikata s-saħħa ta' magna fil-każ ta' għajnuna għas-sostituzzjoni ta' magni ta' 130kw jew aktar taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 25(3)(b)(ii) u (iii) il-Kummissjoni ser tuża ċ-ċertifikat NOx[1]
flimkien mal-valur tas-saħħa ta' magna kif iddikjarat mir-reġistru Komunitarju tal-flotta tas-sajd (CFR), kif ġie ddikjarat ukoll fil-Komunikazzjoni dwar it-"titjib tas-sitwazzjoni ekonomika fl-industrija tas-sajd" tad-9 ta' Marzu 2006[2].

Meta tiġi vverifikata s-saħħa ta' magna fil-każ ta' għajnuna għas-sostituzzjoni ta' magni ta' inqas minn 130kw taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 25 (3) il-Kummissjoni ser tqabbel il-volum totali ta' l-unità taċ-ċilindru tal-magna l-qadima ma' tal-ġdida."

1 Iċ-ċertifikat EIAPP (Prevenzjoni Internazzjonali tat-Tniġġis ta' l-Arja mill-Magni) maħruġ skond l-Anness VI għall-Konvenzjoni MARPOL (Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni ta' Tniġġis mill-Vapuri, 1973, kif modifikat mill-Protokoll ta' l-1978 relatat miegħu) (MARPOL 73/78).

2 7217/06 PECHE 70 - COM(2006) 103 finali.

## DIKJARAZZJONI 110/06

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' l-obbligu li titnaqqas is-saħħa tal-magni b'20% għal grupp ta' bastimenti (l-Artikolu 25 (4))**

"Il-Kummissjoni tiddikjara li hija bi ħsiebha tiżviluppa regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-paragrafu 25(4) tal-FES skond il-prinċipji li ġejjin:

1) il-grupp ta' bastimenti li jitolbu tiġdid tal-magna taħt l-Artikolu 25(3)(b) u (ċ) għandu jkun koerenti u ta' daqs limitat u kontrollabbli;

2) l-identifikazzjoni preċiża tal-bastimenti tal-grupp għandha tkun disponibbli għall-awtorità ta' ġestjoni;

3) it-tnaqqis effettiv ta' mill-inqas 20% tal-kapaċità tas-saħħa għandu jiġi żgurat;

4) kwalunkwe ħruġ tal-kapaċità tal-flotta appoġġat minn għajnuna pubblika ma jistax jiġi mgħadud fi tqabbil mat-tnaqqis ta' l-20%."

## DIKJARAZZJONI 111/06

**Dikjarazzjoni mill-Kunsill u mill-Kummissjoni dwar l-għoti ta' għajnuna għas-sostituzzjoni ta' tagħmir tas-sajd (l-Artikolu 25(8))**

"Il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li l-għoti ta' għajnuna għas-sostituzzjoni ta' tagħmir tas-sajd għandu jiġi evitat wara d-data li fiha jsiru mandatorji l-ħtiġiet ġodda. Kwalunkwe eċċezzjoni li għandha tiġi pprovduta f'leġislazzjoni Komunitarja fil-futur għandha tkun limitata għal każijiet fejn ikollhom jiġu introdotti fi żmien qasir ħtiġiet ġodda dwar it-tagħmir jew fejn manifatturi tat-tagħmir ma jkunux kapaċi jfornu s-suq b'mod sħiħ qabel ma' l-użu ta' tagħmir ġdid tas-sajd isir mandatorju."

## DIKJARAZZJONI 112/06

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar lenzi rmonkati (l-Artikolu 26(1))**

"Il-Kummissjoni tiddikjara l-intenzjoni tagħha li tippreżenta kemm jista' jkun malajr wara l-adozzjoni tal-Fond Ewropew għas-Sajd mill-Kunsill proposta biex temenda r-Regolament tal-Kummissjoni 26/2004 sabiex teżenta t-tagħmir Grieg "συρτή" ["sirti"] kif ukoll il-lenzi l-oħrajn kollha rmonkati mill-klassifikazzjoni ta' tagħmir irmonkat fit-tabella 3 ta' l-Anness I."

## DIKJARAZZJONI 113/06

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar bastimenti tas-sajd (l-Artikolu 29)**

"Il-Kummissjoni tiddikjara li t-terminu "sfruttament kummerċjali" użat fid-definizzjoni ta' bastiment tas-sajd fl-Artikolu 3 (ċ) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 jikkonċerna l-isfruttament kummerċjali ta' speċi akkwatiċi marittimi ħajjin disponibbli u aċċessibbli, inklużi speċi anadromi u katadromi tul il-ħajja marittima tagħhom, u ċertament jeskludi l-akkwakultura li hija, kif definita fl-Artikolu 3 tal-proposta attwali għal Regolament tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd, it-trobbija u l-kultivazzjoni ta' organiżmi akkwatiċi bl-użu ta' teknika mfassla biex iżżid il-produzzjoni ta'
l-organiżmi konċernati lil hinn mill-kapaċità naturali ta' l-ambjent; liema organiżmi jibqgħu l-proprjetà ta' persuna fiżika jew entità ġuridika matul l-istadju ta' trobbija jew kultivazzjoni, sa u inkluż il-qbid."

## DIKJARAZZJONI 114/06

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar bastimenti ta' skala żgħira li jistadu f'ilmijiet interni (l-Artikolu 33)**

"Il-Kummissjoni tiddikjara li bastimenti ta' skala żgħira li jistadu f'ilmijiet interni jistgħu jiġu appoġġati mill-Fond taħt l-istess kondizzjonijiet bħal dawk previsti fid-dispożizzjonijiet rilevanti ta' l-Artikolu 26 dwar l-industriji tas-sajd ta' skala żgħira."

## DIKJARAZZJONI 115/06

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar investimenti għal estrazzjonijiet minn għalf mill-ħut jew iż-żejt tal-ħut tad-dijossin jew sustanzi oħra ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem (l-Artikolu 34(4))**

"Il-Kummissjoni tiddikjara li investimenti għal estrazzjonijiet minn għalf mill-ħut jew iż-żejt tal-ħut tad-dijossin jew sostanzi oħra ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem, għandhom ikunu eliġibbli għal għajnuna taħt il-linja prijoritarja 2 (akkwakultura, sajd f'ilmijiet interni, ipproċessar u kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u ta' l-akkwakultura) inkluż meta l-prodotti finali jkunu maħsubin li jintużaw u jiġu pproċessati għal finijiet oħra għajr il-konsum mill-bnedmin".

## DIKJARAZZJONI 116/06

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar kumpanniji privati bi proġetti ta' żvilupp ta' benefiċċju kollettiv (linja prijoritarja 2)**

"Il-Kummissjoni tiddikjara li kumpanniji privati bi proġetti ta' żvilupp ta' benefiċċju kollettiv speċifiku għas-settur tas-sajd huma eliġibbli għal għajnuna taħt il-miżuri ta' interess komuni."

## DIKJARAZZJONI 117/06

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Artikolu 38**

"Il-Kummissjoni tiddikjara li hija lesta teżamina l-possibbiltà li tipproponi miżuri Komunitarji biex tikkumpensa għal telf fi dħul u / jew qerda ta' tagħmir tas-sajd ikkawżat minn popolazzjonijiet ta' predaturi salvaġġi prottetti taħt il-liġi Komunitarja."

## DIKJARAZZJONI 118/06

**Dikjarazzjoni mill-Kunsill u mill-Kummissjoni dwar miżuri ta' stokkjar mill-ġdid dirett (l-Artikolu 38(2))**

"Il-Kunsill u l-Kummissjoni jaffermaw mill-ġdid li miżuri li jwasslu għall-irkupru tal-ħażna mnaqqsa tas-sallura Ewropea huma meħtieġa urġentement.

Fl-isfond tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Żvilupp ta' Pjan ta' Azzjoni Komunitarju għall-ġestjoni tas-Sallura Ewropea", il-Konklużjonijiet tal-Kunsill rispettivi kif ukoll il-proposta futura għall-miżuri ta' rkupru u ġestjoni, il-Kunsill u l-Kummissjoni hawnhekk jiddikjaraw li fil-każ speċjali tas-sallura, il-miżuri ta' stokkjar mill-ġdid li jikkontribwixxu direttament għall-irkupru billi jżidu l-livell ta' ħarba ta' din l-ispeċi lejn il-baħar huma eliġibbli għal assistenza mill-Fond Ewropew għas-Sajd taħt l-Artikolu 38."

**DIKJARAZZJONI 119/06**

**Dikjarazzjoni mill-Kummisssjoni dwar l-għażla offruta lill-Istati Membri biex fil-programmi operattivi tagħhom, japplikaw rata uniformi ta' intervent, skond ir-reġjun, fil-livell ta' miżuri (l-Artikolu 53(3))**

"Il-Kummissjoni tiddikjara li l-għażla offruta lill-Istati Membri biex fil-programmi operattivi tagħhom, japplikaw rata uniformi ta' intervent, skond ir-reġjun, fil-livell ta' miżuri, tkopri:

- Il-possibbiltà li l-Istati Membri japplikaw, fejn rilevanti, tali rata uniformi ta' intervent għal reġjuni eliġibbli għall-objettiv tal-Konverġenza, reġjuni mhux eliġibbli għall-objettiv tal-Konverġenza, reġjuni l-aktar imbiegħda u l-gżejjer Griegi mbiegħda rispettivament, jew;

- Il-possibbiltà li l-Istati Membri japplikaw tali rata uniformi ta' intervent għal reġjuni kif definit fil-liġi nazzjonali jew l-istruttura territorjali tagħhom."

**DIKJARAZZJONI 120/06**

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni rigward spejjeż ġenerali (l-Artikolu 55(2))**

"Il-Kummissjoni tiddikjara li skond l-Artikolu 55 (2) spejjeż ġenerali li jitwettqu f'operazzjonijiet jistgħu jiġu ddikjarati abbażi ta' rata fissa."

**DIKJARAZZJONI 121/06**

**Dikjarazzjoni mill-Ġermanja dwar il-ħatra ta' l-awtoritajiet (l-Artikolu 58)**

"Il-Ġermanja ser tindika fil-programm operattiv tagħha kif hi ser tapplika l-kontenut ta' l-Artikolu 58(1) skond is-sistema kostituzzjonali tagħha."

"Il-Kummissjoni Ewropea tikkonferma dan il-fehim."

## DIKJARAZZJONI 122/06

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni rigward il-parteċipazzjoni tagħha fil-ħidma tal-Kumitat ta' Monitoraġġ (l-Artikolu 64)**

"Il-Kummissjoni tiddikjara li r-rappreżentanti tagħha, jekk possibbli, ser jagħmlu l-aħjar li jistgħu biex jipparteċipaw fil-ħidma tal-Kumitat ta' Monitoraġġ f'kapaċità konsultattiva".

## DIKJARAZZJONI 123/06

**Dikjarazzjoni mill-Kunsill u mill-Kummissjoni dwar reġjuni mbiegħda**

"Il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li l-ispeċifiċitajiet tas-settur tas-sajd fir-reġjuni l-aktar imbiegħda jistgħu jiġġustifikaw ir-Regolament tal-Kunsill 639/2004 dwar il-ġestjoni tal-flotta rreġistrata fir-reġjuni l-aktar imbiegħda biex jippermetti l-għoti ta' għajnuna pubblika għat-tiġdid ta' dawn il-bastimenti tas-sajd sal-31 ta' Diċembru 2006.

Għandhom jiġu determinati miżuri xierqa oħra li jiżguraw l-iżvilupp sostenibbli tas-settur tas-sajd fir-reġjuni l-aktar imbiegħda, b'kont meħud ta' l-ispeċifiċitajiet ta' l-attivitajiet tas-sajd tagħhom, fid-dawl tar-riżultati ta' studju li għaddej dwar dan is-suġġett u valutazzjoni mill-STECF ta' l-istat tar-riżorsi tas-sajd fir-reġjuni konċernati."

## DIKJARAZZJONI 124/06

**Dikjarazzjoni mill-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-emendi għar-Regolamenti Nru 2371/2002 u 1438/2003 wara l-adozzjoni tal-FES**

"Il-Kummissjoni u l-Kunsill jaqblu li sabiex jittieħed kont tal-ftehim politiku dwar il-FES fid-19 ta' Ġunju 2006 ser ikun meħtieġ li jiġu emendati r-Regolamenti (KE) 2371/2002 u 1438/2003 sabiex:

a) ikun possibbli li jiġi introdott mill-ġdid fil-flotta 4 % tat-tunnellaġġ li jikkorrispondi għall-ħruġ mill-flotta mill-1 ta' Jannar 2007 appoġġat minn għajnuna pubblika. Mill-1 ta' Jannar 2003 sal-31 ta' Diċembru 2006 jkun jista' jiġi introdott mill-ġdid 4 % tal-medja annwali għall-perijodu rilevanti[1] tat-tunnellaġġ totali meħud f'għajnuna pubblika, sabiex jittieħed kont ta' l-isforzi li diġà saru mill-Istati Membri biex titnaqqas il-flotta. It-tunnellaġġ li jikkorrispondi għal din id-deroga
m'għandux jitqies meta jiġu ffissati l-livelli ta' Referenza taħt l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 u l-anqas fl-istabbiliment tal-bilanċ ta' dħul u ħruġ taħt l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

L-Istati Membri għandhom jallokaw dan it-tunnellaġġ għall-fini tat-titjib tas-sigurtà, l-iġjene, il-kondizzjonijiet tax-xogħol u l-kwalità tal-prodott abbord il-bastimenti. Huma għandhom jagħtu prijorità lil sajd kostali ta' skala żgħira fis-sens ta' l-Artikolu 26 tal-FES.

b) jittieħed kont ta'

– l-obbligu li s-saħħa tal-magni titnaqqas b'20 % fil-każ ta' għajnuna pubblika għas-sostituzzjoni ta' magna prevista taħt l-Artikolu 25 (3) (b) u (ċ) tal-FES, u ta'
– l-fatt li għajnuna pubblika għall-kostruzzjoni ta' bastimenti tas-sajd m'għadhiex possibbli.

c) jiġu eżaminati mill-ġdid u emendati r-regoli attwali rigward id-deċiżjonijiet amministrattivi li ttieħdu qabel l-1.1.2003."

[1] Mill-1 ta' Jannar 2003 sal-31 ta' Diċembru 2006 għall-Istati Membri li ngħaqdu ma' l-UE qabel l-1 ta' Mejju 2004 u mill-1 ta' Mejju 2004 tal-31 ta' Diċembru 2006 għall-Istati Membri li ngħaqdu ma' l-UE fl-1 ta' Mejju 2004.

## DIKJARAZZJONI 125/06

### Dikjarazzjoni mir-Renju tal-Belġju

"Il-Belġju jirringrazzja lill-Presidenza u l-Kummissjoni għall-emendi li saru fit-test ta' kompromess tal-proposta tal-FES. Madankollu, sfortunatament, wieħed mit-tħassib prinċipali tal-Belġju ma ġiex indirizzat.

It-test dwar l-għajnuna għas-sostituzzjoni tal-magni huwa f'kunflitt mal-politika attwali tal-flotta tal-Belġju.

Fi żmien sentejn il-kapaċità tal-flotta Belġjana ser titnaqqas bi 15 %. F'termini numeriċi, id-daqs tal-flotta Belġjana ser jiċkien minn 120 għal 100 bastiment tas-sajd.

Ladarba dawk il-miżuri jiġu mwettqa, nikkunsidraw li għandha tingħata għajnuna lil "dawk li jsalvaw".

Bl-appoġġ ta' l-istitut xjentifiku tagħna f'Ostend, attwalment qed tingħata attenzjoni kbira għall-kwistjoni ta' kif "dawk li jsalvaw" jistgħu jkomplu jistadu fuq bażi li tħares 'il quddiem b'mod li hu kemm sostenibbli kif ukoll ekologiku.

Minbarra l-aspetti ta' sostenibbiltà u l-kompatibbiltà ekoloġika, għandha tingħata attenzjoni wkoll lill-fatturi ekonomiċi.

Aħna ta' l-opinjoni li "dawk li jsalvaw" għandhom ikunu kapaċi jimmodernizzaw il-bastimenti tas-sajd tagħhom sabiex ikunu jistgħu jibqgħu ekonomikament vijabbli, *inter alia* f'dik li hija sostituzzjoni tal-magna. Il-proposta ta' kompromess ma jirnexxilhiex tieħu kont ta' dan l-aspett veru u proprju.

Konsegwentement, il-Belġju ma jistax jappoġġa l-proposta ta' kompromess kollha. Għaldaqstant il-Belġju jixtieq jastjeni milli jivvota.

**DIKJARAZZJONI 126/06**

**Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni tar-Repubblika tal-Polonja**

"Il-Polonja għandha pjaċir tinnota li numru mit-talbiet li hi ssottomettiet matul il-ħidma fuq ir-Regolament ġew meqjusa.

Madankollu, il-Polonja, li ddiżattivat b'mod permanenti iktar minn 30 % tal-kapaċità ta' sajd tagħha tul dawn l-aħħar sentejn, ma tistax tappoġġa r-Regolament minħabba li ma jiggarantixxix l-possibbiltà ta' finanzjament għal modernizzar essenzjali tal-flotta Pollakka, b'mod partikolari s-sostituzzjoni ta' magni mingħajr obbligu biex titnaqqas l-enerġija."

| LULJU/AWISSU 2006 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti magħmula pubbliċi** |
| **Proċedura bil-miktub konkluża fil-5 ta' Lulju 2006** | |
| Azzjoni Konġunta tal-Kunsill li ġġedded u tirrevedi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea għas-Sudan<br>10483/06 | |
| **Proċedura bil-miktub konkluża fis-6 ta' Lulju 2006** | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar ta' l-Oċean Indjan<br>10521/06 + REV 1 (hu) | Astensjoni: Polonja |
| **L-2741 laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) fil-11 ta' Lulju 2006** | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li timplimenta l-Pożizzjoni Komuni 2004/852/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Kosta ta' l-Avorju<br><br>10497/06 | |
| **Deċiżjoni tal-Kunsill li timplimenta l-Pożizzjoni Komuni 2004/694/PESK dwar aktar miżuri ta' appoġġ għall-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li qabel kienet il-Jugoslavja (ICTY)**<br>10897/06 | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' l-Azzjoni Konġunta 2005/557/PESK dwar l-azzjoni ta' appoġġ ċivili-militari ta' l-Unjoni Ewropea lill-missjoni ta' l-Unjoni Afrikana fir-reġjun tad-Darfur fis-Sudan<br>10517/06 | |

| LULJU/AWISSU 2006 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti magħmula pubbliċi** |
| Regolament tal-Kunsill li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-*potassium chloride* li joriġina fil-Belarus u r-Russja<br>10609/06 + COR 1 (fi) + COR 2 (cs) | Kontra:<br>Finlandja, Latvja, Svezja<br>Astensjonijiet:<br>Repubblika Ċeka, Danimarka, Olanda, Estonja, Italja, Litwanja, Polonja, Slovenja |
| Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Iżvilupp Reġjonali Ewropew, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999<br>9077/06 + COR 1 (pt) + COR 2 (cs) + COR 3 + COR 4 (it)<br>+ COR 5 + REV 1 (fi) + REV 1 COR 1 (fi)+ REV 1 COR 2 (fi)<br>+ REV 1 COR 3 (fi) + REV 2 (de) + REV 2 COR 1 (de) + REV 3 (es)<br>+ REV 3 COR 1 (es) + REV 3 COR 2 (es) + REV 3 COR 3 (es)<br>+ REV 3 COR 4 (es) + REV 4 (fr) + REV 4 COR 1 (fr) + REV 5 (et)<br>+ REV 5 COR 1 (et) + REV 6 (nl) + REV 6 COR 1 (nl) + REV 7 (cs),<br>10992/06 + ADD 1 + ADD 1 COR 1 + COR 1 + COR 2 | |
| Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1164/94<br>9078/06 + COR 1 (pt) + COR 2 (es) + REV 1 (hu) | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar f'isem il-Komunità Ewropea u l-applikazzjoni temporanja tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribut finanzjarju previsti fil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Guinea-Bissau dwar is-sajd lil hinn mill-kosta tal-Guinea-Bissau għall-perijodu bejn is-16 ta' Ġunju 2006 u l-15 ta' Ġunju 2007<br>10451/06 | |
| Regolament tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi, għall-perijodu bejn l-1 ta' Ġunju 2005 u l-31 ta' Mejju 2006, l-opportunitajiet ta' sajd u l-kumpens finanzjarju pprovduti fil-ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-gvern tar-Repubblika Demokratika ta' Sao Tome u Prinċipe dwar is-sajd fl-ibħra ta' Sao Tome u Prinċipe<br>10392/06 | |

| LULJU/AWISSU 2006 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti magħmula pubbliċi** |
| Deċiżjoni tal-Kunsill skond l-Artikolu 122(2) tat-Trattat dwar l-adozzjoni tal-munita unika fl-1 ta' Jannar 2007 min-naħa tas-Slovenja<br>10602/06 + COR 1 (en) | |
| Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2866/98 dwar ir-rati ta' konverżjoni bejn l-euro u l-muniti ta' l-Istati Membri li jadottaw l-euro.<br>11052/06 | |
| **L-2743 laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni) fis-17 ta' Lulju 2006** | |
| Ftehim Intern bejn Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, imlaqqa' fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' l-għajnuna Komunitarja taħt il-kwadru finanzjarju pluriennali għall-perijodu 2008-2013 skond il-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-Pajjiżi u t-Territorji Barranin li għalihom tapplika l-Parti Erbgħa tat-Trattat tal-KE<br>8944/06 + COR 1 (nl) + COR 2 (sk) + REV 1 (fi) | |
| Deċiżjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, imlaqqa' fi ħdan il-Kunsill, dwar l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, imlaqqa' fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' għajnuna Komunitarja taħt il-kwadru finanzjarju pluriennali għall-perijodu 2008-2013 skond il-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-Pajjiżi u t-Territorji Esteri li għalihom tapplika l-Parti 4 tat-Trattat tal-KE<br>10847/06 + COR 1 (nl) + COR 2 (it) + REV 1 (fi) | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Komunità Ewropea fuq naħa, u Greenland u r-Renju tad-Danimarka fuq l-oħra<br>9802/06 + COR 1 + COR 2 (da) + COR 4 (fi) | |

| LULJU/AWISSU 2006 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti magħmula pubbliċi** |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 1999/468/KE li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat implimentattivi mogħtija lill-Kummissjoni<br>11287/06, 11472/06 + COR 1<br><br>Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument għall-Għajnuna ta' Qabel is-Sħubija (IPA)<br>9894/1/06 REV 1 + REV 1 COR 1 + REV 1 COR 2 (fi), 10245/06 + COR 1<br><br>• Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Maldive dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru<br>10161/06 + COR 1 (fi) + COR 2 (pl) + COR 3 + COR 4 + COR 5 (de) + COR 6 (de) + COR 7 (de) + REV 1 (sl) + REV 1 COR 1 (sl) + REV 1 COR 2 (sl)<br>• Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Orjentali ta' l-Urugwaj dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru<br>10162/3/06 REV 3 + REV 4 (de)<br>SN 10321/2/06 REV 2 | |

| LULJU/AWISSU 2006 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti magħmula pubbliċi** |
| **L-2745 laqgħa tal-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) fit-18 ta' Lulju 2006**<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-ekwivalenza ta' l-eżaminazzjoni uffiċjali tal-varjetajiet imwettqa fil-Kroazja<br>10516/06 + REV 1 (fr) + REV 2 (sv)<br><br>**Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Barbados, il-Beliże, ir-Repubblika tal-Kongo, ir-Repubblika tal-Fiġi, ir-Repubblika ta' Gujana, ir-Repubblika tal-Côte d'Ivoire, il-Ġamajka, ir-Repubblika tal-Kenja, ir-Repubblika tal-Madagaskar, ir-Repubblika tal-Malawi, ir-Repubblika tal-Mawrizju, ir-Repubblika ta' Surinam, Saint Kitts u Nevis, ir-Renju ta' Sważiland, ir-Repubblika Unita tat-Tanżanija, ir-Repubblika ta' Trinidad u Tobago, ir-Repubblika ta' l-Uganda, ir-Repubblika taż-Żambja, ir-Repubblika taż-Żimbabwe dwar il-prezzijiet garantiti għaz-zokkor tal-kannamieli għall-perjodu ta' konsenja 2005-2006 u ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Indja dwar il-prezzijiet garantiti għaz-zokkor tal-kannamieli għall-perjodu ta' konsenja 2005/2006**<br>10523/06 + REV 1 (fr)<br><br>Pożizzjoni komuni adottata mill-Kunsill bil-ħsieb ta' l-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Programm Kulturali (2007-2013)<br>6235/06 + REV 1 (hu) + REV 2 (lv) + COR 1 (fr) + COR 2 (da) + ADD 1, 11116/06 + ADD 1<br><br>Pożizzjoni Komuni adottata mill-Kunsill bil-ħsieb ta' l-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi Programm tal-Komunità għall-Impjiegi u s-Solidarjetà Soċjali - PROGRESS<br>6282/06 + COR 1 (lv) + COR 2 (pl) + REV 1 (es) + REV 2 (hu) + ADD 1, 11136/06 + ADD 1 | |

| LULJU/AWISSU 2006 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti magħmula pubbliċi** |
| **L-2746 laqgħa tal-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) nhar it-Tnejn 24 ta' Lulju 2006** | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll Kontra l-Kuntrabandu ta' Migranti bl-Art, bil-Baħar u bl-Ajru, li jissupplementa l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali li tikkonċerna d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll, safejn id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll jaqgħu fl-ambitu ta' l-Artikolu 179 u 181a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.<br>11384/06 | |
| • Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill li timmodifika u li ġġedded ċerti miżuri restrittivi imposti kontra l-Liberja<br>11056/06<br>• Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 234/2004 li jikkonċerna ċerti miżuri restrittivi fir-rigward tal-Liberja u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1030/2003, u li jissospendi ċerti miżuri restrittivi fir-rigward tal-Liberja<br>11489/06 | |
| Regolament tal-Kunsill li jimponi dazju anti-dumping definittiv u l-ġbir b'mod definittiv tad-dazju provviżorju impost fuq importazzjonijiet tal-barium carbonate li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina<br>11286/06 | Kontra:<br>Ġermanja, Polonja, Svezja, Renju Unit<br>Astensjonijiet:<br>Danimarka, Olanda |
| **L-2747 laqgħa tal-Kunsill dwar il-KOMPETITTIVITÀ (Suq Intern, Industrija u Riċerka) fl-24 ta' Lulju 2006** | |
| Pożizzjoni Komuni adottata mill-Kunsill bil-ħsieb ta' l-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkonċerna l-implimentazzjoni ta' programm ta' appoġġ għas-settur awdjoviżiv Ewropew (MEDIA 2007)<br>6233/06 + COR 1 + REV 1 (el) + ADD 1, 11122/06 | |
| Pożizzjoni Komuni adottata mill-Kunsill bil-ħsieb ta' l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar drittijiet u | |

| LULJU/AWISSU 2006 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti magħmula pubbliċi** |
| obbligi ta' passiġġieri fi trasport internazzjonali bil-ferrovija<br>5892/06 + ADD 1, 11290/06 | |
| Pożizzjoni Komuni adottata mill-Kunsill bil-ħsieb ta' l-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' sewwieqa tal-ferrovija li joperaw lokomotivi u ferroviji fuq is-sistema ferrovjarja fil-Komunità (It-Tielet Pakkett Ferrovjarju)<br>5893/06 + COR 1 (hu) + COR 2 (it) + COR 3 (en) + COR 4 (de) + COR 5 (es) + COR 6 (sl) + COR 7 (nl) + COR 8 (el) + COR 9 (mt) + ADD 1 + ADD 1 COR 1 (en), 11291/06 | |
| Pożizzjoni Komuni adottata mill-Kunsill bil-ħsieb ta' l-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE dwar l-iżvilupp tal-linji ferrovjarji tal-Komunità u d-Direttiva 2001/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-allokazzjoni ta' kapaċità infrastrutturali tal-linji ferrovjarji u l-intaxxar ta' miżati għall-użu ta' l-infrastruttura tal-linji ferrovjarji.<br>5895/06 + COR 1 (fr) + REV 1 (fi) + REV 1 COR 1 (fi) + ADD 1 + ADD 1 COR 1 (en), 11292/06 | Astensjonijiet:<br>Ungerija, Lussemburgu |
| Pożizzjoni komuni adottata mill-Kunsill bil-ħsieb ta' l-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-programm "Żgħażagħ f'Azzjoni" għall-perijodu 2007-2013<br>6236/06 + COR 1 + REV 1 (fi) + REV 2 (lv) + ADD 1, 11293/06 + ADD 1 | |
| Pożizzjoni komuni adottata mill-Kunsill bil-ħsieb ta' l-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja<br>6237/06 + COR 1 (fr) + COR 2 (hu) + COR 4 + COR 5 (fr) + REV 1 (nl) + REV 2 (lt) + ADD 1 + ADD 1 REV 1, 11295/06 + ADD 1 | |
| Pożizzjoni Komuni adottata mill-Kunsill bil-ħsieb ta' l-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar servizzi fis-suq intern<br>10003/06 + REV 1 (lt) + REV 2 (et) + REV 3 (cs) + ADD 1, 11296/06 + COR 1 (fr) + ADD 1 + ADD 1 COR 1<br>**Proċedura bil-miktub konkluża fil-25 ta' Lulju 2006** | Astensjonijiet:<br>Belġju, Litwanja |
| Azzjoni Konġunta tal-Kunsill li temenda l-mandat tar-Rappreżentant | |

| LULJU/AWISSU 2006 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti magħmula pubbliċi** |
| Speċjali ta’ l-Unjoni Ewropea fil-Bosnja u Ħerzegovina<br>11450/06 | |
| **Proċeduri bil-miktub konklużi fl-10 ta' Awissu 2006** | |
| • Deċiżjoni tal-Kunsill dwar kontribut mill-Konfederazzjoni Svizzera lill-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Missjoni ta' l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (MONUC) matul il-proċess ta' l-elezzjoni (Operazzjoni EUFOR RD Kongo)<br>12135/06<br>• Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fl-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Missjoni ta' l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (MONUC) matul il-proċess ta' l-elezzjoni (Operazzjoni EUFOR RD Kongo)<br>12141/1/06 REV 1 + REV 1 (en) | |
| **Proċedura bil-miktub konkluża fil-21 ta’ Awissu 2006** | |
| Regolament tal-Kunsill li jwaqqaf l-investigazzjonijiet li jikkonċernaw il-miżuri anti-dumping applikabbli għal importazzjonijiet ta' karbid tas-silikonu li joriġnaw fil-Federazzjoni Russa u l-Ukraina u li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' karbid tas-silikonu li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara reviżjoni ta' inkjesta skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 284/96<br>11986/06 + REV 1 (lt) | Kontra:<br>Finlandja, Renju Unit<br>Astensjoni:<br>Estonja |
| **Proċeduri bil-miktub konklużi fil-25 ta’ Awissu 2006** | |
| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 367/2006 li jimponi dazju | |

| LULJU/AWISSU 2006 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti magħmula pubbliċi** |
| kompensatorju definittiv fuq importazzjonijiet ta' film ta' *polyethylene terephthalate* (PET) li joriġinaw mill-Indja wara reviżjoni ta' skadenza konformi ma' l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 2026/97 u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1676/2001 li jimponi dazju definittiv kontra d-*dumping* fuq importazzjonijiet ta' film ta' *polyethylene terephthalate* (PET) li jorġinaw, *inter alia*, fl-Indja<br>12112/06 | |
| Regolament tal-Kunsill li jimponi dazju anti-dumping definittiv u l-ġbir b'mod definittiv tad-dazju provviżorju impost fuq importazzjonijiet ta' ċerti refriġeraturi naħa ma' naħa li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea<br>12172/06 | Kontra:<br>Belġju, Danimarka, Estonja, Litwanja, Renju Unit<br>Astensjonijiet:<br>Ċipru, Olanda, Ġermanja, Finlandja, Irlanda, Italja, Spanja, Svezja |